Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

31 ta' Diċembru 2012

**Id-Disgħa u Sebgħin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar l-Erbgħa, 9 ta' Jannar 2013 fis-7.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Estimi Finanzjarji 2013
6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubblici, Siġar u *Soft Areas*
7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Manutenzjoni u Żamma ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u postijiet oħra
8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Tindif u Żamma ta' Toroq Mhux Urbani
9. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-Iddisinjar, Tqassim u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill flimkien mas-Suppliment għat-Tfal u Servizz ta' Illegar ta' Dokumenti
10. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għar-Restawr ta' Girna u Ħitan tas-Sejjieħ qrib Triq ir-Raded, Manikata
11. Sejħa 19/2012 – Servizz ta' *Contracts Management* fuq l-Operat tal-Kunsill in Ġenerali u Servizzi Anċillari
12. Sejħa 21/2012 – Rinovar tal-Fond sabiex jintuża bħala Estensjoni għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill
13. Ftehim dwar il-ġbir ta' skart reċiklabbli

    Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

D:\Council Agendas\6th Council\Agd6_79.doc

## MOZZJONI

6. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-**

"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti (15/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2013, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u

Billi skont ma` jidher mill-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012 u dawk tas-seduta Nru. 78 tas-17 ta' Novembru 2012, saret evalwazzjoni taż-żewġ offerti li ġew sottomessi u ġie rakkomandat li l-kuntratt għandu jingħata lill-E.L.C. Ltd, a bażi ta' prezz u kwalita` ta' servizz mogħti fil-passatt;

Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-istess Environmental Landscapes Consortium Ltd, bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Frar 2013, bil-ħlas annwali offrut ta' €21,429, liema somma tipprovdi għall-assenjazzjoni ta' żewġ ħaddiema fil-lokalita` assistiti minn minn ħaddiema oħra ta' l-istess offerent, skont il-ħtieġa.". (K/6/3/Vol II)

Emvin Bartolo
**Proponent**

John Buttigieg
**Sekondant**

7. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-**

"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-żamma tal-qsari f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Belveder tas-Sur, u postijiet oħra għaddielu t-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti (16/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li jeżistu fondi biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat dan is-servizz taħt il-vot 3061; u

Billi skont ma` jidher mill-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012 u dawk tas-seduta Nru. 78 tas-17 ta' Novembru 2012 saret evalwazzjoni tal-ħames offerti li ġew sottomessi u ġiet irrakkomanda dik ta' Gardentech għab-bażi ta' servizz diġa mogħti fi snin preċedenti, kif ukoll għat-taħriġ tekniku li l-l-istess offerent jippossjedi;

Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lis-Sur Stefan Said (Gardentech) bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Frar 2013 skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (K/6/3/Vol II)

Robert Cutajar
**Proponent**

John Buttigieg
**Sekondant**

8. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech, illi tgħid:**

"Billi l-kuntratt mal-kuntrattur Euro Clean Ltd, li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, intemm it-terminu tiegħu;

Billi l-Kunsill għamel sejħa għall-offerti (17/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, kif ukoll mill-Kunsill fis-seduta Nru. 78 tat-28 ta' Novembru 2012;

Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2013, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052; u

Il-Kunsill jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta` aċċettazzjoni lis-Sur Antoine Fenech (A.A.F. Services) u eventwalment jiġi ffirmat kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2012, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta. (T/4/6/Vol IV)

Hilary Fenech — Joseph Azzopardi
**Proponent** — **Sekondant**

9. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech illi tgħid:**

"Billi skada l-kuntratt li jipprovdi għall-istampar tal-magazin li jippubblika l-Kunsill minn żmien għal żmien, mal-kuntrattur Communique Creative Ltd, skada;

Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 18/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, *setting* u stampar tal-magazin "Mill-Qiegħa" flimkien mas-suppliment għat-tfal, kif ukoll dwar illegar ta' dokumenti;

Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2013, taħt il-kont Nru. 2970; u

Billi fir-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-istamperija Gutenberg Press Ltd;

Jirriżolvi illi għanda tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lid-ditta msemmija, skont il-prezzijiet mogħtija fil-*bill or quantities* anness mad-dokument ta' l-offerta, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` tliet snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2013 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.". (P/3/2/Vol IV)

Hilary Fenech — Clayton Bartolo
**Proponent** — **Sekondant**

**10.** **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (20/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ u girna lill'hinn minn Triq ir-Raded fil-Manikata, skont permess mogħti mill-MEPA - PA 0023/12;

Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2013, taħt il-kont Nru. 7526; u

Billi skont ma jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Novembru 2012, kif ukoll mill-Kunsill fis-seduta Nru. 78 tat-28 ta' Novembru 2012, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Salamanda Ltd;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".

(P/4/26)

| | |
|---|---|
| Emvin Bartolo | John Buttigieg |
| **Proponent** | **Sekondant** |